Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/298

9.2.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/298

tas-6 ta' Frar 2026

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3136 u taġġorna l-ħatriet ta' ċerti membri u sostituti tal-Bord tat-Tmexxija tan-Network u taċ-Ċellula Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/2803 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar l-Implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 37(5) u 38(15) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3136 ([2]) jenħtieġ li tiġi aġġornata biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-Bord tat-Tmexxija tan-Network (NMB, Network Management Board) u taċ-Ċellula Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni (EACCC, European Aviation Crisis Coordination Cell), stabbiliti bir-Regolament (UE) 2024/2803 u bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 ([3]). Il-ħatriet tal-membri u tas-sostituti fl-NMB u fl-EACCC li saru fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3136 huma marbuta mal-pożizzjoni professjonali li kellhom fiż-żmien tal-ħatra u xi whud mill-persuni maħtura ma għadhomx jokkupaw il-pożizzjonijiet li għalihom inħatru.

(2) Il-Kummissjoni għandha l-mandat, permezz tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/123, li taħtar il-membri votanti u s-sostituti tagħhom għall-NMB u, permezz tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/123, li taħtar il-membri u s-sostituti tagħhom għall-EACCC.

(3) Il-Kummissjoni għandha wkoll il-mandat, skont l-Artikoli 18(7) u 19(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/123 biex taħtar ċerti rappreżentanti kemm għall-NMB kif ukoll għall-EACCC wara l-proposti speċifikati f'dawk l-Artikoli.

(4) Fl-10 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni rċeviet proposta mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA, European Defence Agency) għal bidla fir-rappreżentant tal-utenti tal-ispazju tal-ajru militari skont l-Artikoli 18(7) u 19(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/123.

(5) Fit-12 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ħatret lis-Sur Koen Milis bħala l-President tal-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (PRB, Performance Review Board) permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1815 ([4]). Għalhekk qed jiġi propost li s-Sur Koen Milis jinħatar ukoll bħala osservatur fl-NMB.

(6) Fil-31 ta' Ottubru 2025, CANSO pproponiet lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 19(2)(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/123, bidla fir-rappreżentant ta' dik l-organizzazzjoni fl-EACCC.

([1]) ĠU L, 2024/2803, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2803/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3136 tas-17 ta' Diċembru 2024 dwar il-ħatra tal-president u tal-membri u s-sostituti tagħhom tal-Bord tat-Tmexxija tan-Network u tal-membri u s-sostituti tagħhom taċ-Ċellula Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni għall-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għall-2025 u l-2026 (ĠU L, 2024/3136, 18.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/3136/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 tal-24 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 28, 31.1.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/123/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1815 tat-12 ta' Settembru 2025 dwar il-ħatra tal-membri u l-President tal-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L, 2025/1815, 15.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1815/oj).

(7) Fis-7 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet proposta mill-Eurocontrol dwar ir-rappreżentanti mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ta' pajjiżi assoċjati li jikkontribwixxu għall-ħidma tal-Maniġer tan-Network skont l-Artikolu 18(7) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/123. Din il-proposta tirrispetta l-prinċipju ta' rotazzjoni meħtieġ minn dak l-Artikolu. Fl-istess data, il-Eurocontrol ippropponiet lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 19(2)(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/123, bidla fir-rappreżentant ta' dik l-organizzazzjoni fl-NMB.

(8) Il-persuni kollha proposti għall-ħatra jenħtieġ li jissostitwixxu, mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, lill-persuni maħtura qabel.

(9) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza sabiex il-persuni maħtura ġodda jkunu jistgħu jingħaqdu mal-NMB u mal-EACCC mill-1 ta' Jannar 2026.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni maħruġa mill-Kumitat dwar l-Ajru Uniku, stabbilit bl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2024/2803,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni elenkati fl-Anness I għandhom jinħatru bħala l-membri, is-sostituti u l-osservaturi tal-Bord tat-Tmexxija tan-Network, fil-kariga msemmija f'dak l-Anness, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2026.

Artikolu 2

Il-persuni elenkati fl-Anness II għandhom jinħatru bħala l-membri u s-sostituti tagħhom taċ-Ċellula Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni, fil-kariga msemmija f'dak l-Anness, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2026.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

ĦATRIET TAL-MEMBRI VOTANTI U TAL-MEMBRI MHUX VOTANTI U TAS-SOSTITUTI TAGĦHOM TAL-BORD TAT-TMEXXIJA TAN-NETWORK

Militari	Membri votanti	Sostituti
Fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru militari	L-ebda ħatra ġdida	L-ebda ħatra ġdida
L-utenti militari tal-ispazju tal-ajru	L-ebda ħatra ġdida	Il-Kurunell Marc Dubois* Rappreżentanza Militari Franċiża għall-UE

Membru mingħajr mhux votanti	Sostitut
L-ebda ħatra ġdida	Is-Sur Frederik Rasmussen* Il-Viċi Kap tal-Unità, l-Ajru Uniku Ewropew DĠ MOVE, il-Kummissjoni Ewropea

Rappreżentanti tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru tal-pajjiżi assoċjati		
	Membri mingħajr id-dritt tal-vot	Sostituti
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2026	Is-Sa Kathryn Leahy* L-Uffiċjal Kap Operattiv NATS	Is-Sur Stephen Fox* Direttur tal-Kontroll tal-Operazzjonijiet NATS
	Is-Sur Vladimir Risteski* Id-Direttur Eżekuttiv inkarigat mis-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru M-NAV GOJSC	Is-Sa Gordana Tegovska* Il-Kap tal-ACC/FMP ta' Skopje M-NAV GOJSC

Eurocontrol	
Membru	Sostitut
L-ebda ħatra ġdida	Is-Sur Predrag Vranjkovic* Il-Kap tal-Istrateġija, l-Involviment u r-Relazzjonijiet Istituzzjonali EUROCONTROL

Osservaturi		
	Is-Sur Christophe Vivier Il-Kap tal-Unità tal-Ajru Uniku Ewropew L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża	
	Is-Sur Athanassios Tziolas Il-Kap tad-Dipartiment tat-Traffiku tal-Ajru L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea	
	Is-Sur Koen Milis* Il-President tal-PRB	
	Is-Sur Andreas Boschen Id-Direttur Eżekuttiv L-Impriża Konġunta SESAR 3	

Osservaturi		
	Is-Sa Mariagrazia La Piscopia Id-Direttur Eżekuttiv Il-Maniġer tal-Mobilizzazzjoni tas-SESAR	

Ir-rappreżentanti mmarkati b'* qed jinħatru b'din id-Deċiżjoni u jenħtieġ li jissostitwixxu, mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, lill-persuni maħtura qabel. Ir-rappreżentanti l-oħra kollha nħatru bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3136, li għadha fis-seħħ.

ANNESS II

ĦATRIET TAL-MEMBRI PERMANENTI TAĊ-ĊELLULA EWROPEA TA' KOORDINAZZJONI TAL-KRIŻIJIET FIS-SETTUR TAL-AVJAZZJONI U TAS-SOSTITUTI TAGĦHOM

Il-Kummissjoni Ewropea	
Membru	Sostitut
L-ebda ħatra ġdida	Is-Sur Frederik Rasmussen* Il-Viċi Kap tal-Unità, l-Ajru Uniku Ewropew DĠ MOVE, il-Kummissjoni Ewropea

Militari	
Membru	Sostitut
L-ebda ħatra ġdida	Il-Kurunell Marc Dubois* Rappreżentanza Militari Franċiża għall-UE

Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru	
Membru	Sostitut
Is-Sur Enrico Parini* CANSO	L-ebda ħatra ġdida

Ir-rappreżentanti mmarkati b'* qed jinħatru b'din id-Deċiżjoni u jenħtieġ li jissostitwixxu, mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, lill-persuni maħtura qabel. Ir-rappreżentanti l-oħra kollha nħatru bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3136, li għadha fis-seħħ.